MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 524/2012

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-8 t'April 1995, u minn din l-ghaqda twieldu zewgt itfal, F u K ahwa B, li ghadhom minuri.

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Erika B datat 18 ta' Frar 2005, li kopja tieghu tinsab hawn mehmuza.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba (4) snin separati, huma ghandhom hajja separata minn xulxin, u l-esponenti qeghda f'relazzjoni ma' terza persuna.

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn mehmuz, l-intimat kien intrabat li jivversa manteniment ghall-esponenti ghal perjodu ta' sena mid-data tal-kuntratt, jew sakemm l-esponenti ssib impieg, skond liema eventwalita` kienet ser tavvera ruhha l-ewwel. Illi llum il-gurnata l-esponenti ghanda mpieg, u ghalhekk ghandha introjtu taghha, u l-istess fir-rigward tal-intimat, li wkoll ghandu impieg u ghandu d-dhul tieghu, u ghalhekk il-partijiet huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin.

Illi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment versu l-minuri, li ai termini tal-istess att, permezz ta' klawsola umru sitta (6) tal-istess, gie likwidat u stipulat fl-ammont ta' Lm 250, ekwivalenti ghal €582.34, fix-xahar, u li ai termini tal-istess att, kellu jigi ridott ghal Lm 200, ekwivalenti ghal €465.87, fix-xahar b'effett mill-1 ta' Janar 2008, dan qed jithallas mill-intimat lill-esponenti regolarment.

Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjomha xebba, u cioe` Scicluna .

Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl- Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjomha xebba, u cioe` Scicluna, u ghalhekk taghti l-ordnijiet u provvedimenti mehtiega.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti,

javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u li l-esponenti rrivertiet ghal kunjomha xebba, u cioe` Scicluna, sabiex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir- Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li permezz taghha ippremetta :

Illi l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni li t-talbiet tar-rikorrent jigu milqugha purche li hu ma jbati l-ebda spejjez konnessi ma din il-procedura;

Illi hu konfermat li l-partijiet huma indipendenti finanzjarjament minn xulxin u b'hekk ghandu jigi dikjarat li r-rikorrenta m'ghandha ebda dritt ghall-manteniment minghand l-esponent, iktar u iktar meta hemm ammissjoni minn naha tar-rikorrenta li qieghdha f'relazzjoni ma terza persuna;

Illi l-esponent ma jsib ebda diffikulta li r-rikorrenta taghzel li tbiddel l-kunjom taghha ghal kunjomha ta' xebba 'Scicluna';

Illi, di piu, hu konfermat li l-esponent qed jottempera ruhu mal-kundizzjoni indikata fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn qed ihallas €465.87, ekwivalenti ghas-somma ta' LM200 fix-xahar kif indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq riferut;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom separati mit-18 ta’ Frar, 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u u cioe’ Scicluna u fir-risposta tieghu l-intimat iddikjara illi mhuwiex qieghed joggezzjona ghal din it-talba;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Scicluna, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------